MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2014

Numru. 401/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Malcolm Bondin)**

**(Spettur Rennie Stivala)**

**vs**

**Gregory Carabott**

**Kumpilazzjoni Nru: 401/2014**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Gregory Carabott, ta’ 24 sena, iben Nazzareno u Gertrude xebba Ciangura, imwieled Pieta’, nhar l-10 ta’ Gunju, 1998 u residenti fil-fond numru 95, Triq il-Port Ruman, Marsaxlokk u detentur tal-karta ta’ l-identita’ Maltija numru 263689 (M).

Akkuzat talli f’dawn il-gzejjer, fit-30 ta’ Dicembru, 2013 u/jew fil-granet ta’ qabel:

1. Assocja ruhu ma’ xi persuni f’Malta jew barra minn Malta bl-ghan li jaghmel reat;
2. Zamm f’xi fond jew kellu fil-pussess tieghu, taht il-kontroll tieghu jew garr barra minn xi fond jew fid-dintorni tieghu xi arma tan-nar u munizzjon elenkati fl-Iskeda II tal-Kap 480 minghajr ma’ kellu licenzja taht dan l-Att;
3. Talli meta akkwista jew gew f’idejh xi arma tan-nar u munizzjoni xort’ohra milli ghax kellu licenzja, naqas milli minnufih javza lill-Kummissarju, li ghandu jordna jekk dik l-arma tan-nar jew munizzjon ghandhomx jinzammu fil-kustjoda tal-Pulizija jew ghand min ikun qed jirraporta l-kaz;
4. Filwaqt li kien qed jigi arrestat ghal delitt, kellu fuq il-persuna tieghu xi arma regolari u munizzjoni;
5. F’Malta xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta;
6. Talli ghamel uzu minn vettura bil-mutur fit-triq, kemm jekk ipparkajta kemm jekk qed tintuza, minghajr licenzja mahruga mill-Awtorita’ u mgedda kull sena jekk il-vettura bil-mutur ma tkunx ezenti skond id-disposizzjonijiet tal-Att;
7. Talli uza jew gieghel jew halla lil persuna ohra tuza vettura bil-mutur fit-toroq kemm –il darba, ghall-uzu tal-vettura minnu jew minn dik il-persuna l-ohra, skond il-kaz, ma kinietx fis-sehh polza ta’ assigurazzjoni dwar ir-riskji ta’ terzi persuni;

U fuq talba tad-Direttur Generali (Dwana):

Akkuzat talli fit-30 ta’ Dicembru, 2013, gewwa Marsaxlokk, wara tfittxija li saret mill-ufficjal tal-Pulizija fil-Vettura Toyota Tercell bin-numru tar-Registrazzjoni JBA 286, ta’ l-istess Gregory Carabott, nstab li jikseb xi vantagg ghalih innifsu u/jew ghal haddiehor, xjentement, gie fil-pussess tieghu u/jew laqa’ ghandu, zamm kif ukoll kellu b’xi mod x’jaqsam billi ghen jew assista fil-garr, twarrib, habi jew depozt ta’ sigaretti bla dazju, fil- kwanitita’ kif deskritt hawn taht, u dan bil-hsieb li jigi iffrodat il-Gvern mid-Dazju u t-Taxxa li jkun imiss jithallas fuqhom jew biex tinheles xi projbizzjoni jew limitazzjoni tad-Dwana dwar dawn is-sigaretti: 160 kartuna b’200 sigaretti kull kartuna – AMERICAN LEGEND. Dawn is-sigaretti, li l-importazzjoni u l-pussess taghhom huma pprojbiti u/jew ristretti limitati, ghandhom valur totali ta’ €928.00, Dazju tas-Sisa dovuta ta’ €4,800.00 u wkoll Dazju ta’ importazzjoni u Taxxa fuq il-Valur Mizjud (V.A.T) li jammontaw ghal €534.53 u €1,127.26, fejn liema Dazji u Taxxa ma kienux gew imhallsa u/jew kawtelati.

Kif ukoll fuq talba tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud):

Akkuzat ukoll talli fit-30 ta’ Dicembru, 2013, gewwa Marsxlokk, wara tfittxija li saret mill-Ufficcjali tal-Pulizija fil-Vettura Toyota Tercell bin-Numru tar-Registrazzjoni JBA 286, ta’ l-istess Gregory Carabott, instab li sabiex jiksieb xi vantagg ghalih innifsu u/jew ghal haddiehor, xjentement, gie fil-pussess tieghu u/jew laqa’ ghandu, zamm kif ukoll kelli b’xi mod x’jaqsam billi ghen jew assista fil-garr, twarrib, habi jew depozt ta’ sigaretti bla dazju, fi kwantita’ kif deskritt hawn taht, u dan , bil-hsieb li jigi iffrodat il-Gvern mid-Dazji u t-Taxxa li jkun imiss jithallas fuqhom jew biex tinheles xi projbizzjoni jew limitazzjoni tad-Dwana dwar dawn is-sigaretti: 160 kartuna b’200 sigaretti kull kartuna - AMERICAN LEGEND. Dawn is-sigaretti, li l-importazzjoni u l-pussess taghhom huma pprojbiti u/jew ristretti u/jew limitati ghandhom valur totali ta’ €928.00, Dazju tas-Sisa dovut ta’ €4,800.00 u wkoll Dazju ta’ Importazzjoni u

Taxxa fuq il-Valur Mizjud (V.A.T) li jammontaw ghal €534.53 u €1,127.26, fejn liema Dazji u Taxxa ma kienux gew imhallsa u/jew kawtelati.

Rat l-artikoli 48A u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-artikoli 60(b)(h)(k) u 62(a)(f)(g)(h)(i)(k) tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-artikolu 15(1) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-artikoli 16(1)(j), 17(1)(a)(d) u17(2) tal-Kapitolu 382 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-artikolu 80 tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta’ Malta, u l-artikoli 5(1), 41 u 55(b) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizjoni tieghu.

Rat d-dokumenti esebiti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija u l-ammissjoni f’l-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri kif ukoll il-fedina penali ta’l-imputat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 48A u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-artikoli 60(b)(h)(k) u 62(a)(f)(g)(h)(i)(k), tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-artikolu 15(1) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-artikoli 16(1)(j), 17(1)(a)(d) u17(2) tal-Kapitolu 382 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-artikolu 80 tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta’ Malta, u l-artikoli 5(1), 41 u 55(b) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u taghhom tikkundannah sentejn (2) prigunerija li b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qed jigu sospiezi ghal perjodu ta’ erbgha (4) snin u multa ta’ sittax il-elf u tlett Euro u disgha u hamsin centezmu (€16,003.59) terz ta’liema multa (cioe l-ammont ta’ €5,334.53) ghandu jitqies bhala dejn civili addebietat u jithallas lid-Direttur Generali (Dwana) fil-waqt li r-rimanenti zewg terzi (cioe l-ammont ta’ €10,669.06) ghandhom jithallsu f’pagamenti mensieli ta’ tlett mitt Euro (€300) b’l-ewwel pagament dovut f’l-1 ta’ Lulju 2014. In oltre l-Qorti qed tordna l-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta ta’l-oggetti esebieti u cioe s-sigaretti, l-arma u l-vettura b’numru ta’ registrazzjoni JBA 286 u qed tiskwalifika lill-imputat minn kull licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta’ sena (1) u qed tiskwalifikah ukoll minn kull licenzja taht il-Kapitolu 480 ghal perjodu ta’ hames (5) snin.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien erbgha (4) snin.

**DR. DOREEN CLARKE**

**MAGISTRAT**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------